_____________________________

Prim Ministru

_____________________________

Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

_____________________________

Ministry għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

_____________________________

Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018

_____________________________

*Chairperson*, Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

_____________________________

*Chairperson*, Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

A.L. – tal-2018

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI**
**(KAP. 427)**

**Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u bl-Artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u mal- Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamlu ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

L.S.549.43 1. It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, hawn ’il quddiem imsejħa “ir-regolamenti prinċipali”.

**Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.**

2. Paragrafu (ġ) tas-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(ġ) tinkiseb tnaqqis sostenut fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief fi ħdan it-territorju ta' Malta, permezz ta’ miżuri li għandhom jinkludu l-impożizzjoni ta’ drittijiet u tariffi kif provduti fl-Att dwar Dazju tas-Sisa: Kap. 382

Dment li:

(i) tali miżuri jistgħu jvarjaw skont l-impatt ambjentali tal-basktijiet tal-plastik ħfief meta dawn jiġu rkuprati jew mormija, il-proprjetajiet ta’ kompostjar tagħhom, it-tul ta’ żmien jew l-użu maħsub speċifiku;

(ii) basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jistgħu jiġu esklużi minn dawn il-miżuri.”